*Imghax*

*Art 1141 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Debitu Kummercjali*

*In illiquidis non fit mora*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' April 2017**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 337/2016/LSO**

**A & J Baldacchino *Boatyard* Limited (C-17586)**

**vs**

**Paul Philip Caruana (KI Nru 524386M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' A &.J Baldacchino *Boatyard* Limited [C-17586] datat 26 ta' April 2016 fejn tesponi bir-rispett u Joseph Baldacchino [K.I. nru. 80067M] fil-kwalita` tieghu ta' direttur tal-istess socjeta` ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` u dan bis-sahha tal-*Memorandum and Articles of Association* taghha, iddikjara u bil-gurament tieghu ikkonferma: -

**Raguni tat-Talba u Dikjarazzjoni tal-Fatti**

1. Illi s-socjeta` attrici tiggestixxi *boatyard* illi fiha jigu mizmuma dghajjes tal-klijenti taghha. Tali dghajjes ikunu ttellghu mill-bahar bil-makkinarju appozitu mill-impjegati tal-istess socjeta` u fuqhom isehhu xoghlijiet ta' riparazzjoni fuq u skont struzzjonijiet tal-klijenti.

2. Illi d-dghajsa bl-isem "Omera", registrata mal-awtorita` kompetenti f'isem il-konvenut, giet imtella' mill-bahar u rilokata fil-*boatyard* tas-socjeta` attrici fis-27 ta' Mejju 2011.

3. Illi l-konvenut affida l-imsemmija dghajsa lis-socjeta` attrici taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha elenkati fi ftehim iffirmat minnu mal-istess socjeta` attrici *(vide* Dok. AJ1").

4. Illi l-konvenut naqas milli jhallas l-ammont ta' disat' elef mitejn u sitt ewro u sebgha u hamsin centezmi (€9,206.57c), liema ammont huwa s-somma komplessiva tal-ammonti indikati fl-*invoices* annessi "Dok. AJ2", "Dok. AJ3" u "Dok AJ4" u li jinkludi l-VAT. Tali ammont huwa

dovut lis-socjeta` attrici ghal xoghlijiet ezegwiti fuq id-dghajsa ta' l-istess konvenut.

5. Illi l-konvenut sa mis-26 ta' Novembru 2011 kien moruz fil-hlas tal-kera tal-ispazju okkupat mid-dghajsa tieghu u tad-dawl u l-ilma. L-ammont dovut ghal tali kera u dawl u ilma sat-8 ta' April 2016 jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €12,220.39.

6. Illi billi d-dghajsa tal-konvenut matul l-andament tal-proceduri odjerni ser tibqa' tokkupa l-ispazju *entro* l-*boatyard* tas-socjeta` attrici, l-ammont dovut ghall-kera tal-ispazju u ghad-dawl u l-ilma ser jibqa' jawmenta sad-data tal-pronunzjament tas-sentenza finali.

7. Illi *nonostante* li *ai termini* tal-ftehim iffirmat mill-konvenut huwa ghandu jinforma lis-socjeta` attrici bl-indirizz li fih huwa jista' jigi kuntattjat, huwa ma aderiex ma' dan l-obbligu u wara li saru diversi tentattivi sabiex jigi notifikat b'ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta *(vide* "Dok. AJ5") fl-indirizz ufficjali tieghu skont ir-Registru Elettorali, kellha tigi ntavolata l-odjerna kawza.

8. Illi minkejja li l-konvenut ma giex debitament interpellat bl-ittra ufficjali surriferita huwa jinsab konsapevoli ta' l-ammont dovut *stante* illi qabel ma gew mibdija x-xoghljiet deskritti fl-*invoices* fuq imsemmija, hu kien gie muri *quotations* mid-direttur tas-socjeta` attrici ghal dawn ix-xoghlijiet u huwa kkonferma illi ma kellux oggezzjoni ghall-ammonti indikati fl-istess *quotations* liema ammonti huma identici ghal dawk indikati fl-*invoices.* Inoltre l-

konvenut huwa wkoll konsapevoli li ghall-ispazju okkupat mid-dghajsa tieghu fl-*boatyard* tas-socjeta` attrici hija dovuta l-kera u l-hlas tad-dawl u l-ilma, kif *del resto* gie pattwit fil-ftehim iffirmat minnu stess.

Illi, ghalhekk, minhabba l-inadempjenza tal-konvenut is-socjeta` attrici qed iddur lejn l-awtorita` gudizzjarja biex is-sitwazzjoni tigi indirizzata u radrizzata u, allura, kellha tinfetah il-prezenti kawza biex jinghata rimedju.

Illi Joseph Baldacchino jaf b'dawn il-fatti personalment.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016 (Fol 44) fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Maria Grech u Dr Kevin Camilleri Xuereb ghas-socjeta` attrici. Irrizulta li l-intimat huwa kontumaci. Ir-rikorrenti kellha tipprezenta x-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit sas-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghal-provi viva voce ghat-12 ta' Jannar 2017.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta' Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Maria Grech ghas-socjeta` attrici li prezentant nota b'affidavits *seduta stante*. Xehdet bil-gurament taghha Dr Claudette Fenech, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika, li prezentat Dok MFSA1. Fuq talba ta' Dr Grech, il-Qorti awtorizzatha tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sal-20 ta' Marzu 2017 u l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2017 fid-9:30a.m., u fil-mori l-konvenut gie awtorizzat li

jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data tal-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ April 2017 fid-9:30a.m.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti pprezentata fl-20 ta’ Marzu 2017 a fol 89 tal-process.

Rat li l-intimat ma pprezentax nota ta’ sottomissjonijiet minkejja li gie hekk awtorizzat.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta` rikorrenti qed titlob li tigi kanonizzata bhala kreditrici kontra l-intimat ghall-ammont ta’ disat elef, mitejn u sitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€9,206.57) somma dovuta ghax-xoghlijiet li gew prestati mis-socjeta` rikorrenti fuq id-dghajsa “Omera” fuq inkarigu tal-intimat. L-istess socjeta` rikorrenti qed tipprocedi wkoll fil-konfront tal-intimat ghal ammont ta’ kera ghall-ispazju okkupat mid-dghajsa fil-*boatyard* u spejjez ta’ dawl u ilma minnu dovuti tul l-istess perjodu.

Jirrizulta li l-intimat huwa kontumaci u wara li nghata l-fakolta` li jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet tieghu baqa’ ma ghamel xejn.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta li d-dghajsa “Omera” ilha fil-‘boatyard’ in kwistjoni mis-27 ta’ Mejju 2011. Illi s-socjeta` rikorrenti esebiet ftehim bit-termini u kondizzjonijiet elenkati hemmhekk Dok AJ1(fol 8-10). Gie affermat mill-istess socjeta` rikorrenti, li peress li kien hemm bzonn li jsiru xoghlijiet fil-qiegh tad-dghajsa, saret stima, liema stima tirrizulta ffirmata mill-istess intimat Dok AJ6 (fol 51) u sussegwentment saru x-xoghilijiet. Jirrizulta wkoll, li saru wkoll xoghlijiet ohra fil-‘keel’ u nbidlu l-‘ball valves’ u ghalhekk, wara dawn it-tiswijiet inhareg kont iehor. L-ammont totali ghax-xoghlijiet ezegwita jidhru f’Dok AJ2 sa AJ4 (fol 11-13). Minbarra hekk, is-socjeta` rikorrenti qed tikkontendi li l-intimat ghandu jhallas ukoll l-ammont ta’ kera dovuta ghall-perjodu ta’ zmien li l-d-dghajsa in kwistjoni ilha fil-‘boatyard’. Difatti, gie esebit prospett f’dan ir-rigward Dok AJ16 (fol 61).

**Provi:**

**Anthony Baldacchino** xehed permezz ta’ affidavit (fol 45) fejn qal li hu kien direttur tas-socjeta` rikorrenti flimkien ma’ ibnu sal-2001. Spjega li meta tellghu d-dghajsa tal-qlugh tal-intimat fl-2011, nfurmaw lill-intimat li l-qiegh tad-dghajsa kellu bzonn xoghlijiet, u wara li nfurmawh bi stima, u qabel maghha, pprocedew bit-tiswijiet. Spjega li l-intimat kien gie ghall-kont izda mbaghad ma regax resaq ‘l hemm, u ghalkemm baghtulu diversi ittri bl-avukat, xorta baqa’ ma hallasx. Hu kkonferma li l-ammont tal-kera, kif ukoll ghat-tiswijiet, li kien ha sehem fihom hu personalment ukoll, ghadhom dovuti. Ikkonferma wkoll, li d-dghajsa ghadha tokkupa l-‘boatyard’ tas-socjeta` rikorrenti.

**Francis Farrugia** xehed permezz ta' affidavit (fol 46) fejn qal li ilu jmur il-*boatyard* tas-socjeta` rikorrenti mis-sena 2006, peress li xi drabi jtihom daqqa t'id biex itellghu d-dghajjes. Hu qal li ra lil Anthony u Joseph Baldacchino jahdmu fuq id-dghajsa "Omera", li kienet qed tokkupa spazju kbir mill-'boatyard' u Anthony u Joseph Baldacchino semmewlu li din id-dghajsa kienet maqbuda mill-Qorti.

**Sebastian Azzopardi** xehed permezz ta' affidavit (fol 47) u qal li dak iz-zmien li saru t-tiswijiet fuq id-dghajsa "Omera" hu kien jahdem *part-time* mas-socjeta` rikorrenti, u kien ha sehem fix-xoghlijet li saru fil-qiegh tad-dghajsa.

**Joseph Baldacchino** xehed permezz ta' affidavit (fol 48-50) u qal li hu Direttur tas-socjeta` rikorrenti, u fuq struzzjonijiet ta' Paul Philip Caruana, tellghu d-dghajsa fil-*boatyard*, u wara stima ffirmata mill-intimat stess esebita bhala Dok AJ6 (fol 51). Semma li wara li tlestew dawn ix-xoghlijiet, l-intimat kien gie l-*boatyard* u qalilhom biex jaghmlu xoghlijiet fuq il-'keel' u biex jinbidlu 'ball valves', u ghalkemm ma kienx iffirma t-tieni stima kien qabel verbalment, u ghalhekk, ipprocedew bix-xoghlijiet. Spjega li hu stess kien hadem fir-rigward tax-xoghlijiet li saru, tant li kien baghat kopja tar-ritratti esebiti Dok AJ9 sa AJ13, b'*e-mail* lill-intimat biex jinfurmah. Dwar il-kera, qal li l-intimat hallas biss il-kera dovuta ghall-perjodu bejn is-27 ta' Mejju 2011 u l-25 ta' Novembru 2011 permezz ta' *invoices* esebiti Dok AJ14 u AJ15. Zied ighid li *stante* li d-dghajsa ghadha fil-*boatyard* sal-gurnata tal-lum, gie esebit prospett ghall-kera dovuta ta' €4.25 fil-gimgha (eskluz il-VAT), flimkien mar-rata ta' dawl u ilma ta' €3.49 fil-gimgha (eskluz il-VAT), liema ammont totali jidher f'Dok AJ 16 esebit. Spjega wkoll

li qabel ma pprocedew b'dan il-kaz intbaghtu diversi *e-mails*, ittra legali u ittra ufficjali lill-intimat u anke gie pprezentat Mandat ta' Qbid li gie milqugh (Dok AJ17).

Permezz ta' affidavit ulterjuri (fol 80-81) hu kkjarifika li l-hlasijiet li saru mill-intimat li jidhru f'Dok AJ14 u AJ15, saru permezz ta' zewg cekkijiet tas-socjeta` Nautilus Boat Charters Limited, li minn verifiki li saru mill-avukat tieghu jirrizulta li l-intimat hu l-unika direttur ta' din il-kumpanija. Izda, gie pprecizat ukoll, li l-intimat qatt ma qalilhom li kien qed jiffirma ghan-nom ta' kumpanija. Rigwardanti l-kera, hu esebixxa kwotazzjoni ta' kumpanija kompetitrici taghhom, biex juri li r-rata li hu uza kienet ferm anqas, u ghalhekk mhix esagerata.

**Michael Savona** rapprezentant ta' Transport Malta, xehed (fol 74-75)[1] u qal li d-dghajsa "Omera" hija registrata fuq Paul Philip Caruana, u ilha registrata fuq ismu mit-30 ta' Awwissu 2007, u fil-prezent ghadha registrata fuq ismu.

**Dr. Claudette Fenech** xehdet in rapprapprezentanza tal-MFSA (fol 87-88)[2] u esebiet Dok MFSA1 'good standing certificate' minn fejn jirrizulta li l-unika azzjonist u direttur tas-socjeta` Nautilus Boat Charters Limited hu Paul Caruana.

***Fattispecie* tal-kaz in ezami:**

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimat Paul Philip Caruana hu kontumaci dan ma jfissirx li s-socjeta` rikorrenti m'ghandhiex tipprova l-kaz taghha. *"Hu pacifiku li l-*

[1] Seduta tat-12 ta' Jananr 2017.
[2] Seduta tas-16 ta' Frar 2017.

*kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA (AF) 15-1-2014).

Illi jirrizulta fl-ewwel lok, li d-dghajsa "Omera" hija registrata f'isem l-intimat, hekk kif ikkonferma x-xhud Michael Savona. Id-dokumenti esebiti, Tok TM1 u TM2, esebiti a fol 70 u 71 juru li d-dghajsa ilha registrata f'isem l-intimat sa mis-26 ta' Awwissu 2007.

Rigward ix-xoghlijiet esegwiti fuq id-dghajsa in kwistjoni malli ddahlet fil-'boatyard' proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` rikorrenti esebiet l-istima ffirmata mill-istess intimat Dok AJ6 esebita a fol 51 tal-process. L-istimi sussegwenti ghax-xoghlijiet esegwiti konsistenti f'xoghol fuq il-'keel' u bdil ta' 'ball valves' esebiti a fol 52 u 53 mhumiex iffirmati mill-intimat. Izda, d-direttur tas-socjeta` rikorrenti, kkonferma bil-gurament fl-affidavit tieghu, li dawn l-istimi kienu ntwerew verbalment u l-intimat kien qabel. Joseph Baldacchino xehed li hu kien wiehed mill-persuni li hadem sabiex twettqu l-imsemmija xoghlijiet, u esebixxa ritratti bhala evidenza ta' dan. Din ix-xhieda tinsab korroborrata wkoll minn xhieda ohrajn, Francis Farrugia u Sebastian Azzopardi, li kkonfermaw li raw ix-xoghlijiet jigu esegwiti fuq id-dghajsa "Omera" minn Joseph Baldacchino nnifsu.

Ghalhekk, din il-Qorti tikkonkludi, wara li evalwat il-provi, li ghad hemm dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' disat elef, mitejn u sitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€9,206.57) rapprezentanti prezz komplessiv ghax-xoghlijiet esegwiti fuq l-imsemmija dghajsa.

Is-socjeta` rikorrenti qed tivvanta hlasijiet dovuti rigwardanti kera u servizzi ta' dawl u ilma ghall-perjodu kollu li matulu, l-imsemmija dghajsa inzammet fil-'boatyard'. Gie esebit kopja tal-ftehim bil-patti u kondizzjonijiet (fol 8-10) u dikjarazzjoni ffirmata mill-intimat rigwardanti l-istess ftehim (fol 7). Illi huwa evidenti mid-dikjarazzjoni ffirmata, li l-intimat talab li d-dghajsa tieghu tigi mizmuma fil-'boatyard' appartenenti lis-socjeta` rikorrenti. Jigi osservat, li fid-dokumenti esebiti, ossija Dok AJ14 u Dok AJ15, rapprezentanti hlasijiet li saru mill-intimat, hemm imnizzel specifikatament, li l-hlasijiet saru versu kera u servizzi ta' dawl u ilma. Fid-dawl tas-suespost, huwa evidenti, li l-hlas ghall-kera u servizzi ta' dawl u ilma mis-26 ta' Novembru 2001 'l hawn ghadhom dovuti. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma toqghodx fuq il-prospett esebit mis-socjeta` rikorrenti Dok AJ 16 esebit a fol 61 tal-process.

Jirrizulta li l-intimat gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali Dok AJ5 (fol 14) kemm ghall-ammont ta' xoghlijiet u kif ukoll ghal servizzi rezi u kera dovuta peress li kienet qed tinzamm fil-'boatyard', izda din l-ittra saret a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ma gietx notifikata kif ammetta l-istess Joseph Baldacchino fl-ewwel affidavit tieghu. Madanakollu s-socjeta` rikorrenti esebiet ukoll, kopja ta' rikors ghal Mandat ta' Qbid li gie milqugh. (Dok AJ 17 a fol 62 *et sequitur* tal-process.)

Referibbilment ghall-kontumacja tal-intimat, huwa inkontestat li ma sarux aktar hlasijiet oltre` dawk li diga saru, (li taghhom gew esebiti l-*invoices*, Dok AJ 14 u Dok AJ 15 (fol 59-60) fejn hemm imnizzel li l-ammont huwa mhallas). Hawnhekk, taqbel, ma' dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, li l-fatt li kienu saru dawn il-pagamenti fir-rigward tal-kera u hlasijiet tad-dawl u ilma, tikkostitwixxi accettazzjoni da parti tal-intimat tar-rati tal-hlas u tal-pagament mitlub. Ikkonsidrat li l-intimat naqas milli jaghti raguni valida ghall-inadempjenza tieghu. Ghalkemm kontumacja hija oppozizzjoni, xorta wahda hu importanti li tali oppozizzjoni tkun valida. Mal-komputazzjoni a fol 61 tal-process, rigwardanti kera, u servizzi ta' dawl u ilma, jrid jizdied l-ammont dovut mis-26 ta' Novembru 2011 sas-27 ta' April 2017 (d-data tas-sentenza). Ghalhekk, l-ammont dovut rapprezentanti kera, u servizzi ta' ilma u dawl jammonta ghal sittax-il elf, tmienja u ghoxrin ewro, u erbghin centezmu (€16,028.40), hekk kif jidher mill-kalkoli u mir-rati mahduma fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, u mhux il-kalkoli a fol 61, peress li l-kalkoli fin-nota ta' sottomissjonijiet huma sad-data tas-sentenza. Il-kalkoli referibbli ghall-kera matul il-perjodu ta' snin u servizzi ta' dawl u ilma huma s-segwenti:

Kera mis-26/11/2011 sad-29/12/2012 €2,376.10
57 gimghat bir-rata ta' €3.80-il metru fil-gimgha

Kera mid-29/12/2012 sat-28/02/2015 €4,958.44
113 gimghat bir-rata ta' €4.00-il metru fil-gimgha

Kera mit-28/02/2015 sas-27/04/2017 €5,261.68
112 gimghat u sitt ijiem bir-rata ta' €4.25-il metru fil-gimgha

Total ta' 282 gimghat – servizi ta' dawl u ilma €987.17
282 gimghat u sitt ijiem bir-rata ta' €3.49 fil-gimgha

Bir-rata ta' VAT mizjud (18%) jaghmlu total ta' €16,028.40 sad-data tas-sentenza.

**Imghaxijiet:**

L-**artikolu 1141** jiddisponi:

*1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*

*2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti qed tikkontendi fin-nota ta' sottomissjonijiet li fuq l-ammont determinat ta' servizzi rezi, rigwardanti x-xoghlijiet li saru fuq id-dghajsa, l-ammont ta' disat elef, mitejn u sitt ewro, u sebgha u hamsin centezmu (€9,206.57) l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali, u cioe`, mis-27 ta' Frar 2013.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li n-negozju guridiku bejn il-kontendenti huwa wiehed kummercjali. Inoltre kull att ta' kummercjant hu prezunt li huwa att kummercjali hlief jekk ikun jidher mill-att li hu m'ghandux x'jaqsam mal-kummerc **(Art.7 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta)** li ghall-Qorti mhuwiex il-kaz odjern. Inghad li r-raguni ghaliex fuq debitu kummercjali likwidu u ezigibbli d-dekorrenza ta' l-interessi hija *'di pieno diritto'* tinsab fil-fatt li l-interessi jirraprezentaw lukru li d-debitur jippercepixxi b'vantagg proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tieghu, li jista' ugwalment jaghmel profitt minn dawk l-interessi. (**Spiridione L. Mizzi pro et noe v Emmanuele Falzon -** Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Frar 1954 - XXXVIII-III-642).

Rigward il-komputazzjoni tal-imghaxijijet gie ritenut fil-kaz **Muscat et vs Radmilli et**, P.A. (JRM) deciza fit-3 ta' Ottubru 2002, inghad:

"*Il-ligi tghid car li fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma flus determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsisitu biss f'imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm ghalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minhabba dewmien."*

F'kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-10 ta' Ottubru 2003, **Mario Mallia noe et vs Francis Bezzina Wettinger**, intqal:

"*L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu ipso*

*jure, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.” F’kull kaz iehor l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinhar li ssir sejha ghall-hlas b’att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni.*

*Is-sentenza tal-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mill-fuq espost, jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata in kwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jigi mhallas lura, u dana f’kaz li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew jekk l-obbligazzjoni ma kinitx ta’ natura kummercjali, dan l-imghax ghall-anqas kellu jibda jigi komputat mid-data tal-prezentatat tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dan kif gie diversament ritenu u deciz minn din il-Qorti. Fil-kaz in ezami, l-konvenju in kwistjoni kien ta’ natura kummercjali…………………fil-kaz in ezami ghandhom japplikaw ir-regoli enuncjati fl-artikolu 1141 fuq citat u b’hekk l-imghax jigi akkordat mid-data tal-iskadenza tal-konvenju u mhux mid-dati tal-pagamenti rispettivi kif mitlub fic-citazzjoni u fir-rikors tal-appell in kwantu l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni sehhet dakinhar li skada l-konvenju*.”

In tema legali gie wkoll osservat li," ...*hu ritenut li meta l-ammont jigi indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni; u jekk id-debitur irid jezimi ruhu milli jhallas l-imghax jista’ jiddepozita s-somma indikata fir-Registru tal-Qorti* [ara

Appell Civili **Mario Sacco v. Peter Muscat Scerri,** deciz 31 ta' Jannar 2003; PA **Saviour Ellul noe v. AIC Joseph Ellul Vincenti**, deciz 21 ta' Jannar 2005". *"Il-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta ghax il-Qorti ma tkun illikwidat ebda ammont b'mod li tigi applikata l-massima 'in illiquidis non fit mora" [App.Inf.* ***Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Paul Tabone,*** *deciz 17 ta' Frar 2003]. Inoltre tosserva li d-debitur m'ghandux jiehu vantagg semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx gie determinat gudizzjarjament billi jiffranka l-hlas tal-imghax sakemm l-ammont jigi defenittivament likwidat."(***Albert Mallia v Albert Camilleri et** - A.C. 1/1/2014).

Illi s-socjeta' rikorrenti ddeduciet talba ghall-hlas ta' ammont li indikat hi stess fir-rikors guramentat ta' €9,206.57 u ghaldaqstant din il-Qorti ma ssib l-ebda diffikolta li takkorda t-talba kif dedotta fit-termini tal-artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-gurisprudenza taghna ukoll segwiet il-principju li l-massima *in illiquidis non fit mora* japplika anke fejn id-debitu huwa wiehed kummercjali. Hekk per ezempju fi "**Spiridione L. Mizzi pro et noe vs Emmanuele Falzon"** fuq iccitat (Vol. XXXVIII.iii.642), intqal :-

*"Inoltre, hu ritenut fil-gurisprudenza illi, meta d-debitu jkun cert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' facilment jiddetermina l-ammont ……. il-massima 'in illiqudis mora non contrahitur' mhix applikabbli. 'La massima in liquidandis non fit mora intanto e' da accogliersi in quanto la illiquidita'*

*del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile. Quando il debito e' certo, ed il debitore puo' facilmenti determinare l'ammontare, si rende inapplicabile il principio in liquidandis non fit mora" (App. Venezia, 24 Aprile 1908, Comune di Verona c. Societa' Gas di Verona, Temi 938; Cassaz. Napoli 11 Gennaio 1908, Di Mario c. Societa' pel Risanamento di Napoli; Corte di App. 48, Dir. E Giur. XXIII, 692)."*

Ghal kuntrarju "*ma setghax u ma kellux allura d-debitur li f'dawn ic-cirkustanzi jigi penalizzat mid-dekors tal-imghax fuq ammont li la hu likwidu u lanqas cert u li jsir hekk likwidu u cert appena l-kreditu jigi gudizzjarjament definit. "Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza u sakemm din issir"* (**William Sare' nomine vs Carmel sive Charles Sammu**t deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 1998).

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti hija soddisfatta li m'ghandhiex tapplika l-principju *in illiquidis non fit mora* a beneficcju tad-debitur.

Is-socjeta` rikorrenti ssottomettiet tramite d-difensur taghha li l-intimat kien intwera l-istimi tax-xoghlijiet u kien approvahom, u li kien konsapevoli li parti kbira minnhom

kienu twettqu ghaliex talab li jsiru x-xoghlijiet indikati fl-Invoices AJ3 u AJ4.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-data tat-twettiq tal-appalt, u allura d-data meta l-kreditu hu dovut, jirrizulta li d-dghajsa ittellghet fis-sena 2011 mentri l-*invoice* AJ3 hija datata il-25 ta’ Frar 2013 filwaqt li l-*invoice* AJ4 hija bla data. Madanakollu l-ittra ufficjali giet ipprezentata fis-27 ta’ Frar 2013 u f’dik id-data qed jintalab il-hlas tal-ammont kollu pretiz ghax-xoghlijiet rezi kif ukoll il-kirja u spejjez sad-data tal-ittra. Il-Qorti ghalhekk hija soddisfatta li l-appalt gie konkluz qabel id-data tal-prezentata tal-ittra gudizzjarja ser takkolja t-talba ghall-imghaxijiet fuq is-somma dovuta ghall-appart minn dik id-data.

Inoltre gie esebit *standard form storage agreement* fejn gie kkonfermat bil-gurament minn Joseph Baldacchino fl-affidavit tieghu a fol 48 li l-firma fuq l-ewwel pagna a fol 7 tal-process huwa tal-konvenut fejn hemm dikjarat li qara il-ftehim u jaccetta l-kondizzjonijiet taghhom.

Illi ghalhekk il-qorti hija soddisfatta li riferibbilment ghall-ammont l-iehor li qed jigi reklamat mis-socjeta` rikorrenti, l-ammont ta’ sittax-il elf, tmienja u ghoxrin ewro, u erbghin centezmu (€16,028.40),  d-debitur seta' jaccerta l-ispejjez minnu dovuti ghall-hazna tad-dghajsa u ghall-kontribuzzjoni ghad-dawl u ilma anke ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Baldacchino li l-intimat hallas xi spejjez kif ukoll kien mar personalment fil-*boatyard* sussegwentement. Madanakollu r-rikorrenti qed titlob ukoll l-imghaxijiet fuq ammonti ta' kera ghall-perjodu sussegwenti ghall-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tas-

sentenza odjerna. Certament l-imghaxijiet fuq dawn l-ammonti ma jistghux jigu akkordati a priori.

Illi dwar dawn il-Qorti ma tistax takkorda t-talba ghall-imghaxijiet fuq l-ammont shih mid-data tal-ittra ufficjali peress li parti mill-ammont ta' €16,028.40 lanqas kienet ghadha dovuta meta giet ipprezentata l-itta gudizzjarja fuq imsemmija.

Ghaldaqstant mhix tal-fehma li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tal-ittra gudizzjarja fuq is-somma kollha pretiza, anke ghaliex din ma gietx notifikata lill-intimat, imma biss fuq is-somma li kienet dovuta sa dik id-data, cioe` sat 28/2/2015 u cioe`:

| | |
|---|---|
| | €2376.10 |
| | €4958.44 |
| | €7334.54+ |
| VAT | €1320.21 |
| | €8654.75 |

Filwaqt li l-imghax li jiddekkorri fuq l-bilanc ta' kera u spejjez mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tas-sentenza jibda mid-data tal-istes sentenza billi jinkorpora somom li gew addebitati anke fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe`:

| | |
|---|---|
| | €5261.68 |
| spejjez dawl u ilma | € 987.17 |
| | €6248.85+ |
| VAT | €1124.80 |
| | €7373.65 |

Hawnhekk ukoll tosserva li l-intimat m'ghandux jigbed vantagg minn nonkuranza tieghu li jirregola l-obbligazzjonijiet tieghu mas-socjeta` rikorrenti. Ghazel li jhalli d-dghajsa tokkupa spazju kummercjali a spejjez u a skapitu tal-kreditur u din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandux jibbenefika mill-massima *in illiquidis non fit mora* fejn l-ammont li kellu ihallas kien wiehed facilment accertabbli .

Ghaldaqstant jirrizulta li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti, huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha fit-termini premessi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' disat elef, mitejn u sitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€9,206.57), liema ammont huwa s-somma komplessiva rapprezentanti xoghlijiet esegwiti fuq id-dghajsa tal-intimat.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' disat elef, mitejn u sitt ewro, u sebgha u hamsin centezmu (€9,206.57) bl-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-data tal-att gudizzjarju datat 27 ta' Frar 2013 sal-pagament effettiv.

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti rapprezentanti kera ghall-ispazju okkupat mid-dghjasa tal-intimat, kif ukoll ghal servizzi ta' dawl u ilma

mis-26 ta’ Novembru 2011 sal-lum , fl-ammont ta’ sittax-il elf u tmienja u ghoxrin ewro, u erbghin centezmu (€16,028.40) .

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli ghall-hlas dovut lis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta’ sittax-il elf u tmienja u ghoxrin ewro, u erbghin centezmu (€16,028.40).

5. Tilqa’ l-hames talba u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sittax-il elf u tmienja u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€16,028.40) flimkien mal-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena, liema imghax ikun dekorribbli ghar-ragunijiet spjegati, kwantu fuq is-somma ta' tmint’ elef, sitt mija u erbgha u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€8,654.75) dekoribbli mid-data tal-att gudizzjarju datat 27 ta’ Frar 2013 sal-pagament effettiv, u kwantu ghall-bilanc ta' sebat elef, tlett mija u tlieta u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€7,373.65) dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar 2013, u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 277/2013 jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ April 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ April 2017**